

# Ħal Għaxaq

**Chev. Mario Coleiro**
*OSJ.*

## Il-Preżenza tad-Devozzjoni lejn San Ġużepp fit-toroq tagħna

Sa minn mindu San Pawl prietka fuq artna l-fidi Nisranija l-poplu ta' dawn il-gżejjer ħaddan dan it-twemmin. Minkejja li kien hemm żminijiet fl-istorja li kważi din il-fidi spiċċat għalkollox xorta tibqa' evidenza biżżejjed li turina li dak li prietka San Pawl baqa' dejjem ħaj f'pajjiżna. Il-Maltin laqgħu l-bxara t-tajba u pprattikaw dan it-tagħlim. Fi żmien l-Għarab ir-reliġjon Nisranija kważi ġiet fix-xejn iżda llum minn dak li nstab nistgħu nikkonfermaw li f'dak iż-żmien kien fadal nies li baqgħu jipprattikaw il-Kristjaneżmu. Irridu nżommu f'moħħna li meta l-gżejjer tagħna kienu maħkuma mill-Għarab kien għadu ma bediex żmien il-gwerer bejn l-Insara u l-Iżlamiċi għalhekk bniedem seta' jipprattika liema reliġjon xtaq. Hekk jidher li kien il-każ f'Malta fejn kellek nies li baqgħu jħaddnu din ir-reliġjon. Il-Persentaġġ ta' nies li baqgħu jipprattikaw il-Kristjaneżmu fil-gżira ta' Għawdex kien ikbar minn dak ta' Malta. Meta fis-sena 1091 ġie l-Konti Ruġġieru, li kien Nisrani, it-tmexxija tal-gżejjer tagħna reġgħet saret Nisranija u għalhekk din ir-reliġjon reġgħet bdiet tikber. Fi ftit żmien il-Kristjaneżmu reġa' ġie diffuż fost il-poplu. Sa ftit tas-snin wara, speċjalment meta Ruġġieru II keċċa għalkollox l-Għarab minn Malta, ir-reliġjon Nisranija kienet stabbilita bħala r-reliġjon tal-pajjiż.

It-twemmin Nisrani sar ħaġa waħda mal-eżistenza tal-Maltin u tant niżel fl-għeruq tal-poplu li sar l-iktar ħaġa importanti għal niesna. Tant dan it-twemmin kien qawwi li missirijietna mhux l-ewwel darba li ċarċru demmhom għat-twemmin Nisrani fi gwerer marbuta mar-reliġjon.

Illum meta nħarsu lura u nippruvaw nifhmu kif din ir-reliġjon daħlet fil-ħajja ta' kuljum tal-poplu tagħna naraw li bħal reliġjonijiet oħra din tikkundizzjona l-ħajja ta' min jipprattika. Din għandha ħafna ritwali li jsiru parti mill-ħajja ta' kuljum ta' min ikun prattikant. Dawn ir-ritwali huma stil ta' ħajja u ħafna minnhom isiru devozzjoni. Fost id-devozzjonijiet li nsibu fit-twemmin tagħna nsibu d-devozzjoni qawwija lejn il-qaddisin. Dawn għandhom sehem importanti fil-knisja għax huma kienu dawk li b'għemilhom komplew xerrdu dak li Sidna Ġesù Kristu ġie fid-dinja biex iwettaq u għalhekk in-nisrani jħares lejn il-qaddisin bħala mudell għal ħajtu.

Wieħed minn dawn il-qaddisin li jgawdi devozzjoni qawwija fil-knisja nisranija huwa San Ġużepp, missier putattiv ta' Ġesù u r-raġel tal-Madonna. San Ġużepp kien jifforma parti mill-pjan ta'Alla biex ibnu Ġesù Kristu seta' jwettaq il-missjoni li kien mibgħut biex iwettaq fost il-bnedmin. San Ġużepp bis-silenzju, l-ubbidjenza u l-umiltà tiegħu kien ta' eżempju mill-aqwa biex il-bniedem isegwi t-tagħlim ta' Kristu. Għalhekk San Ġużepp igawdi post speċjali fejn tidħol devozzjoni popolari.

F'pajjiżna din id-devozzjoni hija waħda qawwija ħafna u għalhekk il-preżenza ta' San Ġużepp issibha kullimkien. Biżżejjed insemmu li San Ġużepp għandu 5 parroċċi ddedikati lilu u magħhom insibu 5 lokalitajiet oħra li fihom issirlu festa. Barra minn hekk insibu bosta postijiet oħra fejn isiru purċissjonijiet bil-vara ta' San Ġużepp. Nistgħu ngħidu li kważi l-knejjes kollha għandhom vara ta' San Ġużepp u artal iddedikat lilu. Iżda xhieda qawwija tad-devozzjoni li jgawdi San Ġużepp fil-gżejjer tagħna huwa n-numru kbir ta' niċeċ u statwi fit-toroq tagħna li nsibu f'kull rokna ta' pajjiżna. Dawn b'kollox jammontaw għal 321 xbieha tiegħu fit-toroq. Jien ser nelenka kif dawn jinsabu mqassmin.

L-iktar raħal li għandu xbihat ta' San Ġużepp huwa Ħal Qormi li għandu 26 waħda. Fir-Rabat ta' Malta nsibu 23 u f'Ħaż-Żebbuġ insibu 18, filwaqt li f'Birkirkara nsibu 14. Hemm 13 fil-Mosta u 13 oħra f'Ħal Għaxaq flimkien ma' 12 fiż-Żurrieq. Insibu 11 fir-Rabat ta' Għawdex u l-istess ammont ta' 11 fis-Siġġiewi. F'Ħaż-Żabbar insibu 10 u 9 fiż-Żejtun. F'dawn il-lokalitajiet insibu 8 xbihat ta' San Ġużepp: f'Raħal Ġdid, f'tas-Sliema u fil-Kalkara. Fil-Ħamrun u l-Imsida nsibu 7 f'kull wieħed filwaqt li nsibu 6 f'Ħal Tarxien.

F'kull wieħed minn dawn il-lokalitajiet insibu 5 niċeċ iddedikati lil San Ġużepp: Ħal Lija, fil-Qrendi, fil-Qala, Ħal Luqa u f'Santa Venera. F'dawn li ġejjin insibu 4 f'kull wieħed: Ħ'Attard, l-Għarb, Gudja, Ħal Kirkop, Nadur, Marsa, Imqabba u San Pawl il-baħar. Insibu ukoll numru ta' lokalitajiet li fihom insibu 3. Dawn huma l-Munxar, San Ġiljan, San Ġwann, Ta' Sannat, Kerċem u Marsaxlokk. F'dawn li ġejjin

insibu 2: il-Bidnija, il-Birgu, Ħad-Dingli, Marsascala, il-Belt Valletta, Xewkija u Żebbuġ Għawdex. F'dawn il-lokalitajiet ukoll insibu preżenti d-devozzjoni lejn San Ġużepp billi f'kull post insibu niċċa ddedikata lilu. Dawn huma Ħal Balzan, Għajnsielem, l-Għasri, l-Isla, Birżebbuġa, Bormla, Florjana, il-Fontana, Mellieħa, Mġarr Malta, Imtarfa, Gwardamanġa, Ħal Safi, Manikata u f'Santa Luċija.

Din il-preżenza qawwija ta' xbihat ta' San Ġużepp fit-toroq u l-pjazez tagħna ma tħalli l-ebda dubju li dan il-qaddis igawdi devozzjoni qawwija ħafna fil-kultura tal-poplu tagħna. Kieku ma' din l-informazzjoni kellna nelenkaw ukoll kemm insibu djar, ħwienet, toroq, pjazez u individwi li kollha huma msemmija għal San Ġużepp kieku żgur ma nispiċċaw qatt.


SILVIO DALLI
(Ta' Mundu)
GAS DISTRIBUTOR
9946 2126
*Nagħmlu wkoll on-call deliveries*

Manuel Butcher

20, Żejtun Road,
Għaxaq
Għal kull xorta ta' Laħam frisk
kif ukoll tal-Friża